MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Numru. 79/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**versus**

**Matthew Portelli**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Matthew Portelli ta' 19-il sena iben Moses u Miriam nee Attard imwieled Pieta' fit-3 ta' Settembru, 1986 u li joqgħod Flat 10 Entratura B Binja tal-Mensija, Triq George Tayar, San Ġwann, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 398186 (M)

Akkużat talli f'dawn f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żmenijiet differenti u li

jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Jannar, 2006, minn safe tal-pompi awtomatiċi ġewwa Skan Service Station fi Triq il-Kanun, Santa Venera, flimkien ma' persuna oħra mhux magħrufa, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-mezz ai termini ta' l-artikolu 263 (a) tal-Kap. 9, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira Maltin u bil-ħin ai termini ta' l-artikolu 270 tal-Kap. 9;

2. fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Jannar, 2006, minn safe tal-pompi awtomatiċi ġewwa Didi Auto Service Station fi Triq il-Wied, B'Kara, flimkien ma' persuna oħra mhux magħrufa, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-mezz ai termini ta' l-artikolu 263 (a) tal-Kap. 9, bil-valur li jeċċedi l-elf lira Maltin u bil-ħin ai termini ta' l-artikolu 270 tal-Kap. 9;

3. fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Jannar, 2006, minn safe tal-pompi awtomatiċi ġewwa Nabela Petrol Station f'Labour Avenue, Naxxar flimkien ma' persuna oħra mhux magħrufa, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-mezz ai termini ta' l-artikolu 263 (a) tal-Kap. 9, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira Maltin u bil-ħin ai termini ta' l-artikolu 270 tal-Kap. 9;

4. fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Jannar, 2006, minn safe tal-pompi awtomatiċi ġewwa Paul and Rocco Petrol Station fi Triq is-Salib, Marsa, Marsa, flimkien ma' persuna oħra mhux magħrufa, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-mezz ai termini ta' l-artikolu 263 (a) tal-Kap. 9, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira Maltin u bil-ħin ai termini ta' l-artikolu 270 tal-Kap. 9;

5. fl-24 ta' Jannar, 2006 għall-ħabta tat-8 p.m. u/jew matul dawn l-aħħar jiem, f'dawn il-gżejjer, laqa' għandu ħwejjeġ misruqa ai termini ta' l-artikolu 334 tal-Kap. 9 u

6. fl-imsemmija dati, ħinijiet, postijiet u ċirkostanzi kiser il-provvediment ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta li kien ġie mpost fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) datata 14 ta' Novembru, 2005, liema sentenza saret definittiva.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat, il-fedina penali t' l-imputat li turi li għal reat ta' serq huwa kien tqiegħed taħt Probation Order għal tmintax –il xahar b'sentenza ta' l-14 ta' Novembru 2005, l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija magħmula fis-26 ta' Jannar 2006, l-ammissjoni tiegħu għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih nhar is-26 ta' Jannar 2006, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha, ir-rapport maħgmul mis-Sinjorina Victoria Grech M.Sc Uffiċjal tal-Probation, il-kopja tas-sentenza mogtħija fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Mario Tonna versus Matthew Portelli et' fl-14 ta' Novembru 2005, u enveloppi b'parti mill-flus li kienu nsterqu u envelopp b'oġġett mixtri mill-imputat stess mill-flus li kienu nsterqu.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena.

Semgħet il-Prosekuzzjoni tippreżenta formalment il-karozza LCC-591 li l-imputat kien qed jixtri permezz tal-hire purchase.

Ikkonsidrat

Li ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn kienu ppruvati skond il-Liġi.

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 18, 20, 261(b)(c)(f), 263 (a), 264, 267, 270, 278(3) tal-Kap 9 u l-artikolu 23 tal-Kap 446 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih barra tal-ħames imputazzjoni li hija alternattiva.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis:

Mil-lat **pożittiv:** (a) il-fatt li għamel ammissjoni mal-ewwel;
(b) Li rritorna xi ftit mill-flus misruqa;

Mil-lat **negattiv:**(a) Li dan is-serq seħħ f'ammont konsiderevoli fi żmien meta l-imputat kien taħt probation għal tmintax-il xahar.

(b) Li din il-Probation ingħatat fl-14 ta' Novembru 2005 u li r-reati seħħu fid-19 ta' Jannar 2006, jiġifieri xahrejn u ħamest ijiem biss wara li l-imputat ingħata l-Probation.

(ċ) Li din ma kenitx serqa waħda iżda diversi serqiet

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti, wara li rat ukoll is-sentenza 'Repubblika versus Azzopardi' qed tikkundanna lill-imputat għall-perjodu ta' **19-il xahar priġunerija** (u hawn hija kompriża wkoll is-sitt imputazzjoni bl-effett ta' l-artikolu 17 (b) tal-Kap 9). Għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv.

Dwar il-vettura, il-Qorti qed tiddeċiedi li din ma tistax tkun ikkonfiskata ai termini ta' l-artikolu 23 tal-Kap 9 ġaladarba l-imputat għadu ma ħallasx il-kambjali kollha u skond il-ġurisprudenza ċivili tagħna l-imputat għadu mhux is-sid tal-vettura LCC-591. (Ara l-Pulizija versus Cernigliaro (Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali 2004) u 'Regina versus Distributors Limited et' mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Mejju 2005 mill-Imħallef is-Sinjurija Tiegħu Dr. Raymond Pace).

Il-Qorti qed tordna wkoll li ai termini ta' l-artikolu 401(3) tal-Kap 9, kopja ta' din is-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-proċediment jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------